# Civisti: metodu

**1) Il-metodoloġija se tkun żviluppata, ittestjata u dokumentata. Ir-riċerkaturi involuti jiġu mħarrġa.**

a. Żvilupp u **dokumentazzjoni (manwali)** ta' metodoloġija transnazzjonali li l-elementi ewlenin tagħha huma l-proċessi ta' konsultazzjoni nazzjonali wiċċ imb wiċċ mal-pubbliku, u proċess Ewropew li jinvolvi esperti u lil kull min għandu x'jaqsam.
b. Jingħata **taħriġ** lir-riċerkaturi involuti dwar il-metodi.
ċ. Żvilupp ta' **Għodda Elettronika għall-Kontroll tal-Kontenut** li i) tipprovdi ġabra ta' informazzjoni komuni għall-pubbliku, ii) tgħin fil-qsim tat-traduzzjonijiet bejn il-panils pubbliċi nazzjonali, iii) turi t-tweġibiet tal-panils nazzjonali biex jitqabblu ma' xulxin, iv) tippreżenta l-analiżi tal-esperti u dawk li għandhom x'jaqsmu, v) tippreżenta t-tqabbil bejn id-diversi nazzjonijiet, vi) tiżgura t-transparenza tal-proċess.

**2) Il-pubbliku f'7 pajjiżi mifruxa mal-Ewropa se jiżviluppa suġġetti ta' rilevanza għal ħidma fix-Xjenza u t-Teknoloġija fl-Ewropa fil-ġejjieni**

a. Se jkun żviluppat Katalgu ta' **Mistoqsijiet** għall-panils pubbliċi. Il-mistoqsijiet jistigaw lill-pubbliku biex iqis perspettivi differenti tal-ġejjieni li jistgħu jwasslu għal ħtiġijiet fix-Xjenza u t-Teknoloġija.
b. Se jkun preparat **materjal informattiv** li jagħti lill-pubbliku informazzjoni wiesgħa fuq il-kwistjonijiet imsemmijin fil-Katalgu ta' Mistoqsijiet. Il-materjal informattiv għandu jagħti tagħrif fuq veduti differenti dwar l-isfidi u l-viżjonijiet għall-Ewropa li jistgħu jolqtu lix-Xjenza u t-Teknoloġija fil-ġejjieni. Din l-informazzjoni ser tkun ibbażata fuq metodi ta' analiżi eżistenti bħal Qari tax-Xefaq u intervisti ma' osservaturi Ewropej tax-xejriet fis-soċjetà.
ċ. Il-**konsultazjonijiet pubbliċi** jsiru fil-pajjiżi kollha li qed jieħdu sehem.
Il-pubbliku jkun mistieden b'sistema rappreżentattiva u magħżul biex jissawwar panil imħallat demografikament ta' 20 - 40 ċittadin f'kull pajjiż. Il-proċess jinkludi preżentazzjonijiet minn esperti, diskussjoni tal-materjal informattiv, diskussjoni miftuħa għal ideat varji u deliberazzjoni fuq suġġetti rilevanti għall-Ewropa, u għoti ta' prijorità lis-suġġetti. Dan iwassal għal sett ta' tweġibiet għall-mistoqsijiet żviluppati f'2a. Ir-riżultati jitqassmu bejn il-panils permezz tal-Għodda għall-Kontroll tal-Kontenut.
d. Issir **analiżi komparattiva** tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali u tkun ippreżentata fl-Għodda għall-Kontroll tal-Kontenut.

**3) Valorizzazzjoni u konsolidament tat-tweġibiet tal-pubbliku, biex jinħarġu minnhom kwistjonijiet Xjentifiċi u Teknoloġiċi, u wkoll għażliet ta' politiki.**

a. Żvilupp ta' **mudell analitiku** biex jidentifika u jikkaratterizza l-kwistjonijiet ta' riċerka li joħorġu mit-tweġibiet tal-pubbliku. L-għodda tkun ibbażata fuq teoriji eżistenti u għodod minn diversi oqsma bħal Analiżi tal-Impatt, Teorija tal-Innovazzjoni, Ħars 'il Quddiem, u Qari tax-Xefaq.
b. Identifikazzjoni u karatterizzazzjoni ta' kwistjonijiet bħal dawn permezz ta' proċess li jinvolvi **esperti** u lil **dawk kollha li għandhom x'jaqsmu**. Il-proċess iqassam is-suġġetti msemmijin mill-pubbliku fi kwistjonijiet ta' rilevanza għax-Xjenza u t-Teknoloġija Ewropea fil-ġejjieni. Is-sinteżi ta' dan il-proċess tkun aċċessibbli għall-pubbliku permezz tal-Għodda għall-Kontroll tal-Kontenut.

SEVENTH FRAMEWORK PROGRAMME
Project funded under the Socio-economic Sciences and Humanities
EUROPEAN COMMISSION

ċ. Deċiżjonijiet finali dwar il-prijoritajiet, inkluża konferma ta' kwalità u awtentiċità mill-pubbliku. Din issir fl-**aħħar fażi tal-konsultazzjoni pubblika** mal-istess panils ta' ċittadini tal-ewwel fażi. Ir-riżultati jkunu reġistrati fl-Għodda għall-Kontroll tal-Kontenut.
d. **Analiżi komparattiva** tal-prijoritajiet nazzjonali li tkun ippreżentata fl-Għodda għall-Kontroll tal-Kontenut.

**4) L-istrateġija tar-riċerka għandha l-appoġġ ta'**

a. **Panil Xjentifiku Konsultattiv** involut tul il-perjodu kollu tal-proġett, li jinkludi esperti ta' studji li jħarsu 'l quddiem u tal-ġejjieni. Il-panil jevalwa l-progress u r-riżultati, u jiżgura l-kwalità tal-metodu, il-materjal informattiv, l-iżvilupp tal-kriterji, u l-identifikazzjoni u karatterizzazzjoni tal-kwistjonijiet emerġenti.
b. **Qsim tal-informazzjoni**, li jagħmel il-proġett trasparenti u magħruf, kemm il-metodoloġija kif ukoll ir-riżultati. Gruppi importanti li jridu jintlaħqu huma s-Servizzi tal-Kummissjoni tal-UE; kull min għandu x'jaqsam u dawk involuti fl-aġendi tar-riċerka Ewropea; il-komunità xjentifika; prattikanti eżistenti u futuri tal-Ħars'il Quddiem transnażżjonali fit-Tul. It-tixrid tal-informazzjoni jkollu l-appoġġ tal-uffiċjali tal-komunikazzjoni tal-istituzzjonijiet imsieħba.
ċ. **Evalwazzjoni** se tipprovdi reazzjoni lill-konsorzju tul l-eżekuzzjoni tal-proġett u tevalwa l-metodu fi tmiem il-proġett.